

# 1909 - 2009 MITT SENA MILL-EWWEL ĠEBLA TAL-KNISJA

Pawlu Dimech

*Il-komunità parrokkjali tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa qed tfakkar u tiċċelebra l-mitt sena minn mindu ġiet imbierka u mqiegħda solennement l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali. Din il-ġrajja kienet il-bidu tal-bini tat-tempju ddedikat lit-Trinità Qaddisa li tant kien hemm bżonnha fil-Marsa biex setgħet taqdi l-ħtiġijiet spiritwali tal-Marsin.*



Il-Marsa, li tinsab fil-parti l-iktar kennija tal-Port il-Kbir, dejjem ġiet użata minn diversi ħakkiema bħala port. Xhieda ta' dan huwa l-għadd ta' fdalijiet storiċi li nstabu fiha. Nafu wkoll minn sejbiet ta' oqbra u katakombi tas-seklu ħamsa u sitta li kien hawn komunità nisranija fi żmien il-Biżantini. Jidher li din spiċċat mal-ħakma Għarbija. Il-Marsa 'l quddiem kienet fewdu tal-ħakkiema u magħrufa għall-oqsma tar-raba' u l-ġonna tagħha. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kura spiritwali, sa minn żminijiet qabel l-1436, l-art tal-Marsa kienet tiddependi mill-parroċċa Arċimatriċi ta' San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi. Meta fl-1575 Mons. Duzina għamel Vista Pastorali sab li fil-Marsa kien hawn żewġ knejjes, waħda ddedikata lil San Ġorġ Martri li kienet qrib il-Menqa tal-lum, u l-oħra ta' Santa Marija Assunta (ta' Ċeppuna) li għadha wieqfa u ġiet restawrata. Fi żmien il-Gvernatur Le Marchant fl-1861 sar il-proġett tal-Portu Novu fil-Marsa. Dan ġab żvilupp kbir bil-ħatt u t-tagħbija tal-bastimenti ta' kull xorta, l-iktar tal-faħam. Bdew jinbnew bosta mħażen u djar għall-familji tal-ħaddiema. Fl-1870 l-avukat Antonio Zammit bena minn flusu l-knisja tal-Madonna tal-Grazzji f'Ta' Ċejlu. Il-popolazzjoni bdiet tiżdied tant li fl-1890, fl-inħawi tal-knisja tal-Portu Novu tal-Marsa, kien hemm jgħixu 620 ruħ f'200 dar minbarra oħrajn imxerrdin fl-irziezet, sqaqien u toroq oħra. Sa dan it-tant fl-1881 il-Ħamrun sar parroċċa u parti kbira mill-Marsa ġiet taħt din il-parroċċa ta' San Gejtanu.

Meta laħaq Arċisqof Mons. Pietru Pace, dan wera t-tħassib tiegħu għax in-nies tal-Marsa ma setgħux jaqdu l-ħtiġijiet spiritwali tagħhom tajjeb. Insibu miktub, kemm f'dokument tat-twaqqif tal-parroċċa kif ukoll fil-fuljett tal-Immakulata, li n-nies tal-Marsa kien ikollhom mixja kbira biex jirċievu s-sagramenti fix-xita u x-xemx, biex ma nsemmux lix-xjuħ u l-familji li riedu jkaxkru 'l uliedhom magħhom. Għalhekk ma kienu jmorru xejn jew jinqdew bil-knisja ta' Ċejlu.

In-nies tal-Marsa kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom familji tal-ħaddiema u ma kellhomx mezzi biex jibnu l-knisja parrokkjali tagħhom. Alla, fil-providenza Divina Tiegħu, ipprovda lis-Sinjuri Lorenzo u Marija Karmela Balbi mill-Belt Valletta biex minn flushom jibnu l-knisja parrokkjali tal-Marsa u fuq ix-xewqa tagħhom ġiet iddedikata lit-Trinità Qaddisa. L-Arċisqof feraħ bl-aħbar u ta l-permessi meħtieġa biex minnufih jinbeda x-xogħol u bierek din l-opra tant bżonnjuża. L-art li ntgħażlet biex tinbena l-knisja kienet imsejħa Tal-Qwabar jew, kif kienu magħrufa dawk l-inħawi, Ta' Sciat e'l-Kquabar. Din il-kelma xi wħud ifissruha bħala "xatt l-oqbra" waqt li skont Abela, Aquilina u oħrajn ifissruha "xatt il-granċijiet ta' l-art jew tal-ilma ħelu" imsejħa qwabar. Fl-għelieqi kien hemm kamra kbira bħal maħżen li fiha kienu jinħadmu l-qfief tal-faħam u l-mezez tal-pitkalija. L-art kienet tappartjeni lill-isptar tas-Sawra r-Rabat, Malta. Din l-art kienet ġiet imħollija bħala legat mis-saċerdot Dun Vincenzo Attard. Fl-10 ta' Mejju 1909 sar il-kuntratt biex tittieħed l-art għall-bini tal-knisja. Ġie mqabbad il-Perit Giovanni Domenico Debono li għamel il-pjanta fl-1909. Il-perit ma mexiex fuq l-istil li konna mdorrijin bih qabel, dak ta' salib latin bi stil t'arkitettura barokka, imma għażel l-istil tar-Rinascimento, ħaġa ġdida għal pajjiżna. L-istil rinaxximentali tal-knisja jidher fin-navi jistrieħu fuq kolonni ma' kull naħa tal-korsija. Fuq l-arkati bejn il-frież u s-saqaf tpoġġew it-twieqi biex idawlu s-saqaf ċatt bil-kassettuni u rużuni fihom.



# L-Ewwel Ġebla.



Ix-xogħol tat-tindif u l-pedamenti nbeda fl-24 t'Awwissu 1909 mill-imgħallem Mikiel Mifsud u 40 ħaddiem li, taħt il-perit, mexxew ix-xogħol sal-aħħar mgħejjuna minn diversi volontiera Marsin. Iċ-ċerimonja u t-tberik tal-ewwel ġebla tal-knisja saru fis-7.30 ta' filgħodu nhar l-20 t'Ottubru 1909. Din tmexxiet mill-wisq Reverendu Monsinjur Dun Emmanuele Vassallo D.D. bħala delegat tal-Arċisqof ta' Malta, Monsinjur Pietru Pace. Huwa libes l-ilbies sagru bil-kappa u akkumpanjat minn żewġ saċerdoti talab u bierek il-ġebla quddiem folla mdaqqsa ta' Marsin. Ġie mwaqqaf salib kbir tal-injam biex juri li dan il-lok huwa post qaddis u sar pilar bi tliet arbli ħalli t-tarjola tpoġġi l-ġebla f'postha. Il-ġebla tpoġġiet fil-bażi tal-pilastru tan-naħa tal-lemin fuq il-presbiterju b'salib minqux fiha u taħtha tqiegħdet skrizzjoni. Il-ġebla għadha tidher bejn il-gradenzina u l-bieb tas-sagristija tal-presbiterju. Fil-faċċata tal-knisja, taħt il-portiku, iktar tard tqiegħdu żewġ lapidi b'kitba bil-Latin li waħda minnhom tfakkar il-ġenerożità tal-benefatturi Balbi u tagħrif fuq il-bini tal-knisja.

Din il-ġrajja hija storika għaliex, permezz tal-bini tal-knisja u l-parroċċa, lin-nies tal-Marsa tathom mhux biss l-identità ta' Marsin imma wkoll il-kura spiritwali li bniethom f'komunità nisranija taħt il-barka tat-Trinità Qaddisa.






***Rev. Patri Pelaġju Bilocca u Rev. Pietru Pawl Schembri joffru bukketti ta' fjuri lill-vara tas-Ssma. Trinità f'għeluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni tagħhom bħala saċerdoti. Nifirħulhom.***

*"Irridu nkunu mmarkati mill-Ewkarisitja billi nkunu qrib u mħeġġin għal dan is-sagrament. Hemm ukoll bżonn iktar ta' talb personali, speċjalment f'sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja tagħna fejn Kristu jkun qed jara l-isforzi tagħna hawnhekk. L-alternattiva hi li nispiċċaw f'kultura ta' xejn m'hu xejn u nitilfu l-grazzja t'Alla."*

Kwotazzjoni mis-Superjur tal-Fergħa Ewkaristika George Grima f'għeluq l-10 snin mill-mewt tiegħu. Iktar tagħrif se jidher fil-ħarġa li jmiss.



***Is-Superjur George Grima 1941 - 1999***